II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 354/2011

tat-12 ta' April 2011

li jiftaħ u jipprovdi għall-ġestjoni tal-kwoti tariffarji tal-Unjoni għal ċertu ħut u ċerti prodotti tas-sajd li joriġinaw fil-Bożnija u Ħerzegovina

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) No 594/2008 tas-16 ta' Ġunju 2008 dwar ċerti proċeduri sabiex jiġi applikat il-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tal-Bożnja u Ħerzegovina, min-naħa l-oħra, u sabiex jiġi applikat il-Ftehim Interim dwar il-kummerċ u materji relatati mal-kummerċ bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa, u l-Bożnja u Ħerzegovina, min-naħa l-oħra [1], b'mod partikolari l-Artikolu 2 tiegħu,

Billi:

(1) Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u l-Bożnja u Ħerzegovina, min-naħa l-oħra (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni"), ġie ffirmat fil-Lussemburgu fis-16 ta' Ġunju 2008. Il-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni qiegħed fil-proċess ta' ratifika.

(2) Fis-16 ta' Ġunju 2008, ġie konkluż Ftehim Interim dwar in-negozju u materji oħra marbuta man-negozju bejn il-Komunità Ewropa minn naħa, u u l-Bożnja u Ħerzegovina, min-naħa l-oħra [2] ("il-Ftehim Interim"), li ġie approvat mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/474/KE [3]. Il-Ftehim Interim jipprovdi għad-dħul fis-seħħ bikri tad-dispożizzjonijiet kummerċjali u marbuta mal-kummerċ tal-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni. Dan daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2008.

(3) Il-Ftehim Interim u l-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni jipprovdu li ċertu ħut u ċerti prodotti tas-sajd li joriġinaw mill-Bożnja u Ħerzegovina jistgħu jkunu importati fl-Unjoni Ewropea, fil-limiti tal-kwoti tariffarji tal-Unjoni ("kwoti"), b'rata ta' dazju mnaqqsa jew rata żero.

(4) Il-kwoti tariffarji stipulati fil-Ftehim Interim u fil-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni huma annwali u ġew adottati għal żmien indeterminat. Jeħtieġ li jinfetħu l-kwoti tariffarji għall-2008 u għas-snin ta' wara u li jiġi pprovdut għal sistema komuni għall-ġestjoni tagħhom.

(5) Din il-ġestjoni komuni għandha tiżgura li l-importaturi kollha fl-Unjoni Ewropea jkollhom aċċess indaqs u kontinwu għall-kwoti tariffarji u li r-rati stipulati għall-kwoti huma applikati mingħajr interruzzjoni għall-importazzjonijiet kollha tal-prodotti in kwistjoni lejn l-Istati Membri kollha sakemm il-kwoti jintużaw kollha. Sabiex tkun żgurata l-effiċjenza tas-sistema, l-Istati Membri għandhom ikunu awtorizzati jiġbdu mill-volumi tal-kwoti l-kwantitajiet meħtieġa li jikkorrispondu għall-importazzjonijiet attwali. Hija meħtieġa kooperazzjoni mill-qrib bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni u din tal-aħħar għandha partikolarment tkun tista' timmonitorja r-rata ta' kif qed jintużaw il-kwoti u tgħarraf lill-Istati Membri skont dan. Għal raġunijiet ta' ħeffa u effiċjenza, il-komunikazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandha, sa fejn ikun possibli, isseħħ bi trażmissjoni elettronika.

(6) Il-kwoti miftuħa minn dan ir-Regolament għandhom għalhekk jiġu ġestiti skont is-sistema tal-ġestjoni tal-kwoti tariffarji mfassla biex jintużaw skont l-ordni kronoloġiku tad-dati tal-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjonijiet tad-dwana pprovduta fir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju [4].

[1] ĠU L 169, 30.6.2008, p. 1.
[2] ĠU L 169, 30.6.2008, p. 13.
[3] ĠU L 169, 30.6.2008, p. 10.
[4] ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1.

(7) Billi l-Ftehim Interim daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2008, dan ir-Regolament għandu japplika mill-istess data u għandu jibqa' fis-seħħ wara d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni.

(8) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ħut u prodotti tal-ħut li joriġinaw mill-Bożnja u Ħerzegovina u li huma elenkati fl-Anness li jitqiegħdu f'ċirkolazzjoni ħielsa fl-Unjoni Ewropea, għandhom igawdu minn rata ta' dazju mnaqqsa jew rata żero, fil-livelli u fi ħdan il-limiti tal-kwoti tariffarji annwali tal-Unjoni stipulati fl-Anness.

Sabiex igawdu minn dawn ir-rati preferenzjali, il-prodotti in kwistjoni għandhom ikunu akkumpanjati minn prova tal-oriġini kif ipprovdut fil-Protokoll 2 tal-Ftehim Interim mal-Bożnija u Ħerzegovina jew fil-Protokoll 2 tal-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni mal-Bożnija u Ħerzegovina.

Artikolu 2

1. Il-kwoti tariffarji msemmija fl-Artikolu 1 għandhom ikunu amministrati mill-Kummissjoni skont l-Artikoli 308a, 308b u 308ċ tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93.

2. Komunikazzjonijiet li jirreferu għall-ġestjoni tal-kwoti tariffarji bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom ikunu effettwati, sa fejn ikun possibbli, permezz ta' trażmissjoni elettronika.

Artikolu 3

L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jikkooperaw flimkien sabiex jiżguraw l-osservanza ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2008.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' April 2011.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

ANNESS

Minkejja r-regoli għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, il-kliem għad-deskrizzjoni tal-prodotti għandhom jiġu kkunsidrati li m'għandhomx aktar minn valur indikattiv, bl-iskema preferenzjali ddeterminata, fil-kuntest ta' dan l-Anness, mill-kopertura tal-Kodiċijiet tan-NM. Fejn ex kodiċijiet NM huma indikati, l-iskema preferenzjali għandha tiġi stabbilita bl-applikazzjoni tal-kodiċi NM u d-deskrizzjoni li tikkorrispondi meħuda flimkien.

ĦUT U PRODOTTI TAS-SAJD

Nru tal-Ordni	kodiċi NM	suddiviżjoni tat-TARIC	Deskrizzjoni	Volum tal-kwota tariffarja annwali (piż nett f'tunnellati)	Rata ta' dazju tal-kwota
09.1594	0301 91 10 0301 91 90 0302 11 10 0302 11 20 0302 11 80 0303 21 10 0303 21 20 0303 21 80 0304 19 15 0304 19 17 ex 0304 19 19 (1) ex 0304 19 91 0304 29 15 0304 29 17 ex 0304 29 19 (2) ex 0304 99 21 ex 0305 10 00 ex 0305 30 90 0305 49 45 ex 0305 59 80 ex 0305 69 80	 30 10 30 11, 12, 20 10 50 61 61	Trota (*Salmo trutta, Oncorhynchus mykiss, Oncorhynchus clarki, Oncorhynchus aguabonita, Oncorhynchus gilae, Oncorhynchus apache* u *Oncorhynchus chrysogaster*): ħaj; frisk jew imkessaħ; friżat; imnixxef, immellaħ jew fis-salmura, iffumikat; fletti u laħam ieħor ta' ħut; dqiq, pasta u gerbub (pelits), tajbin għall-konsum mill-bniedem	60 tunnellata	Eżenti
09.1595	0301 93 00 0302 69 11 0303 79 11 ex 0304 19 19 (1) ex 0304 19 91	 20 20	Karpjun: ħaj; frisk jew imkessaħ; friżat; imnixxef, immellaħ jew fis-salmura, iffumikat; fletti u laħam ieħor ta' ħut; dqiq, pasta u gerbub (pelits), tajbin għall-konsum mill-bniedem	130 tunnellata	Eżenti

Nru tal-Ordni	kodiċi NM	suddiviżjoni tat-TARIC	Deskrizzjoni	Volum tal-kwota tariffarja annwali (piż nett f'tunnellati)	Rata ta' dazju tal-kwota
	ex 0304 29 19 (2)	20			
	ex 0304 99 21	16			
	ex 0305 10 00	20			
	ex 0305 30 90	60			
	ex 0305 49 80	30			
	ex 0305 59 80	63			
	ex 0305 69 80	63			
09.1596	ex 0301 99 80 0302 69 61 0303 79 71	80	sparidae (*Dentex dentex* u *Pagellus* spp.): ħaj; frisk jew imkessaħ; friżat; imnixxef, immellaħ jew fis-salmura, iffumikat; fletti u laħam ieħor ta' ħut; dqiq, pasta u gerbub (pelits), tajbin għall-konsum mill-bniedem	30 tunnellata	Eżenti
	ex 0304 19 39	80			
	ex 0304 19 99	77			
	ex 0304 29 99	50			
	ex 0304 99 99	20			
	ex 0305 10 00	30			
	ex 0305 30 90	70			
	ex 0305 49 80	40			
	ex 0305 59 80	65			
	ex 0305 69 80	65			
09.1597	ex 0301 99 80 0302 69 94	22	Spnott *(Dicentrarchus labrax)*: ħaj; frisk jew imkessaħ; friżat; imnixxef, immellaħ jew fis-salmura, iffumikat; fletti u laħam ieħor ta' ħut; dqiq, pasta u gerbub (pelits), tajbin għall-konsum mill-bniedem	30 tunnellata	Eżenti
	ex 0303 77 00	10			
	ex 0304 19 39	85			
	ex 0304 19 99	79			
	ex 0304 29 99	60			
	ex 0304 99 99	70			
	ex 0305 10 00	40			
	ex 0305 30 90	80			
	ex 0305 49 80	50			
	ex 0305 59 80	67			
	ex 0305 69 80	67			

Nru tal-Ordni	kodiċi NM	suddiviżjoni tat-TARIC	Deskrizzjoni	Volum tal-kwota tariffarja annwali (piż nett f'tunnellati)	Rata ta' dazju tal-kwota
09.1598	1604 13 11 1604 13 19 ex 1604 20 50	 10, 19	Sardin ippreparat jew ippreżervat	50 tunnellata	6 %
09.1599	1604 16 00 1604 20 40		Inċova ppreparata jew ippreżervata	50 tunnellata	12,5 %

(1) Mill-1 ta' Jannar 2010 il-kodiċi NM ex 0304 19 19 nbidel għal ex 0304 19 18.
(2) Mill-1 ta' Jannar 2010 il-kodiċi NM ex 0304 29 19 nbidel għal ex 0304 29 18.